MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 20/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jason Mifsud**

Kaz Numru: 20/2012

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jason Mifsud**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Carmel u Josephine neé Gauci, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-20 ta' Novembru, 1976, residenti fil-fond Marel, Triq il-Qortina, Sannat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32676(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2010, gewwa l-fond Aurora fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, bhala persuna licenzjata u responsabbli min-nar li nharaq minn fuq il-bejt tal-fond Aurora fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Saliba (ID Nru. 4988(G));

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna responsabbli biex jinharaq in-nar minn fuq il-bejt tal-fond Aurora fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, naqas milli jizgura, li kull min kien qieghed jahraq ix-xoghlijiet tan-nar kellu licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Rat il-*Proces Verbal* numru 911/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 15 *et seq.*) fejn gie konkluz li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghaliex ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra, fost l-ohrajn, Jason Mifsud.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet iz-zewg xhieda mressqa mid-difiza.

Semghet lid-difiza, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 68), tiddikjara li ma kienitx qed tikkontesta illi l-hruq tal-kaxxa in kwistjoni taqa' taht l-Explosives Ordinance Act (Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqsant il-Prosekuzzjoni ma nsistitx ghan-nonima ta' espert.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 90 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Teddie George Farrugia** (*a fol.* 13 *et seq.*) rigward certifikat mediku rilaxxat minnu[1] (*a fol.* 24) u kkonferma l-kontenut ta' tali certifikat. Iddeskriva l-griehi sofferti minn George Saliba bhala feriti ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 47 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fejn, fost l-ohrajn, qal li George Saliba kien iddahhal l-isptar b'xi griehi f'wiccu. Jghid ukoll li nfethet inkjesta magisterjali. Ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "FT 4" – *a fol.* 53 *et seq.*). Jispjega li f'dik il-gimgha meta gara l-akkadut kienet il-festa ta' Santa Marija u li l-Kazin tal-

[1] *A fol.* 8 tal-Inkjesta Magisterjali.

Aurora kienu ottjenu permess biex tinharaq kaxxa tan-nar f'dak il-lejl u li l-permess kien jghajjat lil Jason Mifsud.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 1233 John Attard** (*a fol.* *56 et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu u li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 58 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 1407 Frank Portelli** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn qal li PS 1233 kien qed ifittex lil George Saliba u spjega kif marru flimkien il-kazin u mbaghad wara d-dar ta' George Saliba fejn sabuh u Saliba qalilhom li kienu qeghdin jaghtu xi nar minn fuq il-bejt tal-kazin u tfixkel fil-karkura bil-konsegwenza li kien ha n-nar go wiccu.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Max Xuereb** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien ha r-ritratti li jiffurmaw parti mill-inkjesta magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li gie mitlub jixhed dwar x'permessi kien hemm dwar hruq ta' stoppini fil-festa ta' Santa Marija tal-2010 u qal, fost l-ohrajn, li fil-11 ta' Awwissu 2010 kien hemm permess f'11.45pm ghall-hruq. Jghid li dan kellu jsir minn fuq it-Teatru Aurora, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex. Jghid li l-persuna li nhariglu l-permess kien l-imputat Jason Mifsud. Ezebixxa licenzja li giet mmarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 67).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, rega' xehed **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn qal li George Saliba (I.D. Nru. 4988(G)) ma kellu ebda licenzja fil-11 u fit-12 ta' Awwissu 2010.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2013, xehed **Gordon Grech** (*a fol.* 75 *et seq.*) u beda billi qal li huwa kollega tal-imputat fil-kamra tan-nar "Hmistax ta' Awwissu" ta' Kercem. Jispjega li fil-lejl ta' bejn l-11 u t-12 ta' Awwissu 2010 kellhom xi xoghol fuq l-Gholja ta' Gelmus u kellhom permess li jinharaq nar minn fuq il-kazin tal-Aurora. Jghid li dakinhar ittiehed ix-xoghol fuq ta' Gelmus u kif ukoll il-kazin fejn poggew il-kaxxa. Jghid li kien hemm hu, l-imputat u Norbert. Jghid li Norbert, li huwa direttur tal-kazin, fethilhom il-bieb: *"Tlajna fuq u rajna fejn ha tkun din il-kaxxa u minhabba d-distanzi biex inkunu ahna certi minnha u poggejnieha hemmhekk, inzilna 'l isfel, sakkarna u konna mifthemin li wara li jindaqq l-innu marc ghal habta ta' bejn nofs il-lejl u n-nofs siegha setghu jitilghu biex ikunu jistghu jitilghu (hu u l-imputat) fuq il-bejt tal-kazin biex tinharaq il-kaxxa. Ezebixxa licenzja (Dok. "GG 1" – a fol.* 81). Jghid li f'hin minnhom in-nar beda tiela': *"xi hadd kien ghadda minn x'imkien, il-bieb kien maghluq, tela' minn x'imkien jigifieri ahna konna nafu li l-bieb kien zgur imsakkar fil-fatt"* (*a fol.* 77). Jispjega li Norbert kien ghadu qieghed idoqq u li ma kienx ghadu sar il-hin biex tinharaq il-kaxxa. Jghid: *"Ahna, li nixtieq nghid ukoll li ahna ma qabbadna ebda persuna biex titla' hemm fuq jew tghaddi minn x'imkien jew taqbez minn x'imkien biex tinharaq din il-kaxxa"* (*a fol.* 78).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li san-nofs siegha kellu jinharaq in-nar u li jidhirlu li n-nar kien inharaq f'xi l-kwarta. Jixhed li wegga xi hadd [George Saliba] u li l-persuna li wegga sar jafu wara li sehh l-incident ghax qabel lanqas kellu idea li dan il-persuna kien dilettant tan-nar. Jghid li l-persuna li wegga qatt ma mar jghinhom jarmaw in-nar. Jispjega li ma jafx minn fejn dahal.

Jghid li l-bieb kien maghluq u li c-cavetta kienet ghand Norbert. Jixhed li x'hin telghu ra lil Norbert jiftah il-bieb u li ra li c-cavetta kienet ghadha ghandu (ghand Norbert).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Norbert Fenech** (*a fol.* 87*et seq.*) fejn qal li huwa direttur tal-kazin tal-banda. Mistoqsi jghid dakinhar tal-11 ta' Awwissu 2010 x'kuntatt kien hemm bejnu, bejn Jason Mifsud u Gordon Grech, jghid li dawn kellhom icemplulu biex jifthilhom halli jkunu jistghu jtellghu xi nar li kellu jinharaq minn fuq il-bejt tal-kazin fil-ghaxija. Jghid li dawn cemplulu wara nofsinhar ghat-3.00pm-4.00pm, fethilhom, tela' maghhom u poggew l-affarijiet u li x'hin lestew nizlu flimkien u hu (Fenech) ghalaq. Jghid li qabel telqu, hu (Fenech) ghalaq il-bieb bic-cwievet u sakkar kollox. Jixhed li kienu ftehmu li dakinhar filghaxija kellhom jistennewh sabiex meta jsir il-hin ikun jista' jerga' jifthilhom. Jghid: *"Jien kont mal-banda ndoqq ghax jien bandist. X'hin kont sejjer ghalihom f'daqqa u l-hin in-nar beda jinharaq. Kont kont ghadni sejjer ghalihom fl-entrata tal-kazin. Huma kienu hemmhekk jigifieri ghax imbaghad iltqajt maghhom fl-entrata tal-kazin"* (*a fol.* 88).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: l-ewwel wahda relatata mal-griehi ta' natura hafifa li gew sofferti minn George Saliba u t-tieni wahda relatata mal-hruq tax-xoghol tan-nar. Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 5) gie verbalizzat li l-parti civili George Saliba kien qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali msemmija u ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tal-imputazzjoni imsemmija.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2010 kienet qed tigi celebrata l-festa ta' Santa Marija.

- Il-permess ghall-hruq tan-nar dakinhar tal-akkadut li kellu jsir mill-fond Aurora kien jghajjat lill-imputat Jason Mifsud u dana kif jirrizulta mix-xiehda moghtija minn PS 369 Joseph Mizzi (*a fol.* 65 *et seq.*) u mid-dokument ezebiet minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 67).

- Kien certu George Saliba li haraq in-nar in kwistjoni li rrizulta li ma kellu ebda licenzja biex jahraq in-nar bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2010.

- Gordon Grech jispjega kif beda tiela' n-nar (*a fol.* 77) u li ma kien gie mqabbad hadd biex jahraq il-kaxxa (*a fol.* 78). Ikompli jghid li l-uniku access li kien hemm kien bieb li kien maghluq u li c-cavetta kienet ghand Norbert Fenech.

- Norbert Fenech spjega li kien inghalaq il-bieb bic-cwievet u sakkar kollox u li f'hin minnhom beda jinharaq in-nar (*a fol.* 88).

- L-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "FT 4" – *a fol.* 53 *et seq.*) li ttiehdet wara li huwa kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu. F'din l-isqarrija, l-imputat qal: *"Li nista nzid li jien fl-ebda hin ma tajt permess lil xi hadd biex jahraqha huwa dik il-kaxxa, kif diga spjegajtlek qabel dik il-kaxxa kont behsibni naharquha jiena u Godwin waqt li tkun tielgha l-istatwa faccata tal-kazin waqt l-innu"* (*a fol.* 54).

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li d-difiza tikkontendi li l-imputat ma kien ta l-ebda permess lil hadd biex jahraq in-nar u li l-bieb kien imsakkar u li c-cavetta kienet ghadha ghand Norbert Fenech, il-Qorti hija tal-fehma li ladarba George Saliba nrexxielu jasal hdejn in-nar u effettivament harqu, bil-konsegwenwza li gara li gara, ifisser li tali nar kien accessibbli ghall-pubbliku. Dan jghodd ukoll anke f'kaz li tali nar kien accessibbli minn bjut ohra. Kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti tasal biex taccetta dak li tikkontendi d-difiza, ma jirrizultax li l-imputat, li kellu l-permess li jahraq in-nar, ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jassigura li hadd ma jahraq in-nar hlief hu. Mhux bizzejjed li jinghad li l-bieb kien maghluq u mhux bizzejjed li jinghad li l-imputat ma tax permess lil hadd biex jahraq in-nar! In-nar li ghandu jinharaq ma jistghax jithalla *unattended* ghall-ebda hin, kif gara fil-kaz odjern, u dana sabiex jigu evitati problemi jew ossia tragedji bla bzonn. Jekk hemm bzonn, kellu jithalla xi hadd ghassa man-nar biex jassigura li dan ma jigrilu xejn u li dan jinharaq minn min kellu l-permess jaharqu.

Illi l-interess tal-ligi huwa li persuna li jkun inhargilha permess biex tahraq in-nar ghandha taccerta ruhha li dan in-nar jinharaq minnha biss u mhux minn xi hadd iehor u b'hekk il-ligi trid li jigi assigurat li jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji, li ma jirrizultax li ttiehdu fil-kaz odjern. Il-kwistjoni mhijiex jekk in-nar thalliex wahdu jew le pero l-kwistjoni hija dik li ladarba n-nar inharaq minn persuna li ma kienitx l-imputat ifisser li bhala persuna responsabbli biex jinharaq in-nar l-imputat naqas li jizgura li min effettivament harqu ma kellux permess. B'hekk m'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi ghaldaqstant hija biss it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u li gie pruvat u l-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 10) li hija wahda nadifa. Il-Qorti tifhem li ladarba t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie pruvata, il-ligi trid li jigu evitati sitwazzjonijiet simili u din hija r-raguni ghala l-pieni taht Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta huma dawk li huma. Minhabba dan, il-Qorti, wara li rat dak li jiddisponi Artikolu 45C tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat Artikoli 29 u 33 tal-istess kapitolu mhijiex tal-fehma li ghandha timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u anqas hlas ta' multa pero ghandha timponi terminu ta' prigunerija li ghandu jkun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghha, *stante* rinunzja, wara li rat Regolament 12(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 33.03 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 24 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jason Mifsud hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Jason Mifsud fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' hamsa u tletin Euro u sbatax-il centezmu (€ 35.17) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert Max Xuereb fl-inkjesta magisterjali (*a fol.* 16 *et seq.*).[2]

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] In-nofs l-iehor tal-ispejjez gie kundannat ihallashom George Saliba (I.D. 4988(G)) li kontra tieghu giet moghtija decizjoni llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Saliba** (Kaz Numru. 19/2012).